KORREZZJONI TAL-KUNJOM TAL-ULIED

ART 4(3) U 292A TAL-KAP 16

ZBALL

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 919/2017/LSO**

**Joseph Kevin Abela (KI216069M)** u **Claudette Abela Baldacchino (KI93973M) li qed jidhru wkoll bhala kuraturi *ad litem* ta' uliedhom minuri Arthur u Pinar ahwa Abela**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Kevin Abela (K.I.216069M) u Claudette Abela Baldacchino (K.I.93973M) datat 5 ta' Ottubru 2017 fejn bil-gurament taghha Claudette Abela Baldacchino (K.I.93973M) ikkonfermat : -

Illi l-esponenti zzewgu nhar it-tlettax ta' Mejju 2001.

Illi meta zzewgu l-esponenti, l-esponenti mara zammet kunjomha xebba oltre dak taz-zwieg u ghaldaqstant kunjomha llum huwa Abela Baldacchino.

Illi nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (25.10.2016) gewwa l-Isptar Mater Dei, twieldu Arthur u Pinar, tewmin wild l-esponenti, certifikati tat-twelid annessi u mmarkati bhala Dok B1 u B2.

Illi a kuntrarju tax-xewqat tal-esponenti, iz-zewg ulied gew registrati bil-kunjom 'Abela' minghajr ma gie inkluz il-kunjom tal-omm, kif suppost kellhom jigu registrati u cioe' bhala 'Abela Baldacchino'.

Illi l-minuri pero` huma maghrufa bil-kunjom 'Abela Baldacchino', liema kunjom intuza mill-Isptar Mater Dei meta twieldu t-trabi u ghadu jintuza sal-lum (Dok CAB 1 – CAB 28), sahansitra meta t-tfal gew registrati ghan-'nursery school' (Dok C1 – C3).

Illi minn dejjem kienet ix-xewqa tal-esponenti li l-kunjom tal-minuri Arthur u Pinar ikun Abela Baldacchino mhux Abela biss u dan skont kif provvdut fl-Artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan diga` qed jikkawza konfuzjoni fil-hajja tat-trabi u ghaldaqstant ikun xieraq li dan l-izball jigi kkoregut minn issa sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri jkun jirrifletti kif inhuma mgharufa l-istess tewmin.

Illi din it-talba qed issir *in linea* ma' dak provdut fl-artikolu 253 tal-Kap 16;

Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-minuri ghandhom ikollhom il-kunjom 'Abela Baldacchino';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni debita fic-certifikati tat-twelid ta' ulied l-esponenti, Arthur u Pinar u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 1 ta' Novembru 2017 (fol 45) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in vena preliminari wkoll, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghall-integrita' tal-gudizzju, din il-kawza istanti kellha ssir ukoll f' isem il-minuri Arthur u Pinar Abela u dan li l-azzjoni *de quo* giet intavolata sabiex jigi kkorreguti l-Atti tat-Twelid tal-istess minuri;

3. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, jidher li din l-azzjoni legali qed tigi ppernjata abbazi tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi ddikjarat illi kunjom il-minuri huwa 'Abela Baldacchino' minflok 'Abela' u li konsegwentament ghandha ssir il-korrezzjoni necessarja mill-konvenut fl-Att tat-Twelid bin-numru 6340 tas-sena 2016 u 6341 tas-sena 2016, annessi u mmarkati Dok. DRP1 u Dok. DRP2;

4. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti teccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ismijiet u mhux f’kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

5. Illi rigward kunjomijiet li jassumu ulied li gew imnissla u mwielda fiz-zwieg, l-artikolu applikabbli huwa Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili li ghandu jinqara kontestwalment ma' Artikolu 292A tal-istess Kodici. Dawn iz-zewg artikoli jistipulaw:

*"Artikolu 4(3): Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha";*

*"Artikolu 292A: Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini* ta’ *artikolu 4(3) jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet. Meta ma ssirx dikjarazzjoni bhal dik fil-kaz ta' tifel imnissel imwieled fiz-zwieg, kunjom il-missier ghandu jitqies li jkun gie hekk dikjarat, u fil-kaz ta' tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg, kunjom xbubit l-omm ghandu jitqies bhala l-kunjom hekk dikjarat*";

6. Illi jekk din id-dikjarazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 292A tal-Kodici Civili ma ssirx, ghandu ghaldaqstant jitqies li l-kunjom li ghandha tassumi tarbija huwa dak biss tal-missier u li finalment tali ghazla hija wahda definittiva;

7. Illi fil-kaz odjern, meta r-rikorrenti marru jiddikjaraw lil minuri mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, fid-dikjarazzjoni taghhom huma nizzlu li l-kunjom li se jassumu l-minuri kien dak ta' 'Abela'. Fil-fatt iz-zewg dikjarazzjonijiet jinsabu annessa u mmarkati bhala Dok. DRP 3 u Dok. DRP 4;

8. Illi fir-rikors guramentat gie ddikjarat mir-rikorrenti stess illi dan kien zball da parti taghhom u ghaldaqstant fic-cirkostanzi ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

9. Illi *stante* s-suespost, l-esponenti hija tal-fehma illi t-talba kif dedotta ma timmerittax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

10. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Rosemarie Farrugia ghar-rikorrenti u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Farrugia prezentat nota b'zewg (2) affidavits u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*, u ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Id-difensuri qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fil-11:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti qed jaghmlu din it-talba *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-9 ta' Ottubru 2017 (fol 44) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju kif awtorizzata b'digriet datat 23 ta' Novembru 2017 (fol 53). Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi t-talba odjerna hi indirizzata lejn il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' uliedhom tewmin (Atti numri 6340/2016 u 6341/2016) billi qed jitolbu li l-kunjom kif registrat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' uliedhom jigi korrett u minflok Arthur u Pinar Abela ghandhom ikunu indikati "Arthur Abela Baldacchino" u "Pinar Abela Baldacchino".

**Claudette Abela Baldacchino** xehdet permezz ta' affidavit u qalet li uliedha tewmin twieldu qabel iz-zmien, bi problemi medici, u ghalhekk, ghaddew minn zmien difficli wara t-twelid taghhom. Semmiet, li mlew il-formoli necessarji waqt dan iz-zmien difficli u b'hekk bi zvista u bi zball nizzlu "Abela" biss u mhux "Abela Baldacchino", filwaqt li f'dokumenti ohrajn medici kien tnizzel il-kunjom "Abela Baldacchino".

**Joseph Kevin Abela** kkonferma bil-gurament l-affidavit ta' martu.

In sostenn tat-talba taghhom, ir-rikorrenti esebew, dokumenti medici tal-isptar Mater Dei fejn kunjom uliedhom tewmin jidher indikat "Abela Baldacchino", kif ukoll, Dok C1, C2 u C3, registrazzjonijiet tan-*nursery* u tal-iskola li juru li kunjomhom hu indikat bhala "Abela Baldacchino".

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 4(3) tal-Kodici Civili**, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern, il-minuri hadu awtomatikament il-kunjom tal-missier billi r-Registru Pubbliku ma kienx mgharraf bl-ghazla li l-minuri kienu ser jiehdu wkoll il-kunjom tal-omm, dan kif jidher minn Dok

DRP3 u Dok DRP4 kopji tad-dikjarazzjoni, kif jidher li debitament iffirmati Dok DRP1 u DRP2, il-kopji tal-atti tat-twelid.

Ikkonsidrat li ghalkemm ikkontesta t-talbiet, l-intimat fl-istess disa' eccezzjoni, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-mertu ta' dan il-kaz.

Fid-dawl ta' dan, wara li rat l-affidavits u d-dokumenti, din il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tirnexxi billi hija soddisfatta li sar zball da parti tar-rikorrenti meta rregistraw it-twelid ta' uliedhom formalment mar-Registru Pubbliku. Din il-fehma hija sorretta mill-fatt li jirrizulta li kienu ghaddejjin minn mumenti ferm difficli minhabba sahhet it-tewmin, kif jixhdu s-sensiela ta' dokumenti medici fejn il-kunjom tat-trabi huwa "Abela Baldacchino". Ghalhekk, takkolji t-talba tar-rikorrenti.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Julia Manduca et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (A.C. Dec. fis-27 ta' Mejju 2016) fejn il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat talba simili u rriteniet hekk:

*"Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korregġut abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili.*

*- omissis-*

*Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet*

***Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[1] *il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet. Fil-kawża fl-ismijiet* **Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku**,[2] *invece, din il-qorti (diversament komposta) ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri". Għalkemm kien irriżulta li l-attur* (li jismu Damian) *mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. L-istess kien ġara fil-kawża* **Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[3] *kawża fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għal "Balzan Imqareb". Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu."*

Illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li talba simili tista' tinkwadra fit-termini tal-**artikolu 253(1) tal-Kap 16** billi dak li qed jintalab huwa li jigi korregut zball u mhux li jinbidel il-kunjom tal-minuri. Gie ribadit li dan l-artikolu ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi korreġut u għalhekk fil-fehma tal-qorti l-"iżvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra taħtu.

[1] **Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)
[2] **Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)
[3] **Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament li hu applikabbli wkoll fil-kaz odjern ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Referibbilment ghall-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat. Ghalhekk, din il-Qorti tilqa’ t-tmien eccezzjoni tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-minuri ghandhom ikollhom il-kunjum "Abela Baldacchino” minflok "Abela."

2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-korrezzjoni mehtiega fl-atti tat-Twelid numri sitt elef, tlett mija u erbghin tas-sena elfejn u sittax (6340/2016) fir-rigward tal-minuri Pinar Abela  u sitt elef, tlett mija u wiehed u erbghin tas-sena elfejn u sittax (6341/2016), fir-rigward tal-minuri Arthur Abela, li permezz tal-istess il-kunjom tal-minuri fiz-zewg certifikati rispettivi jinbidel minn "Abela" ghall-Abela Baldacchino”.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b' kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**